# PAPA' ĠDID

## NOVELLA TA' ĠUŻE' DIACONO

Kemm seta' kelli...... missieri kien ilu mejjet tliet snin, mela kelli ħdax.

Fi tliet snin il-bniedem jinsa u jderri. Meta ġew jiġru għalija u għal ħuti, darba filgħaxija, waqt li konna nilagħbu barra, u ħaduna bil-ġirja d-dar, sibna lil ommi mitluqa tixher fuq pultruna, biż-żijiet isabbruha. It-twerżiq u l-ilfiq ta' ommi meta ħarġu lil missieri katavru mid-dar ma kienx għadu siket għal kollox f'widnejja. In-niket ta' ommi kien għadu ġdid fil-fakra tiegħi, imma mtoffi minn kull ħjiel ta' ħruxija, mit-twerwir li ħakimni meta smajt 'l ommi twerżaq, għajta fuq għajta, ħrabt mill-karrozza, dħalt niġri lura d-dar, u sibt erbat irġiel, bit-tebut tal-ġewż fuq daharhom jagħlquli t-triq f nofs it-tarag.

Iż-żmien jiekol il-blat, aħseb u ara l-irbit tal-qalb bejn ħaj u mejjet — l-aktar meta mara żagħżugħa ssib ruħha armla bi tlitt itfal, maħbuta mill-irjieħ tad-dinja, u mill-interessi u r-regħba ta' oħrajn.

Jien u ħuti konna noħorġu nilagħbu quddiem id-dar. Konna nilagħbu noli ma' ħbiebna, bid-daqqa, jew maħrubin... Ma nafx kif u meta bdiet, imma beda jiġi raġel ruxxan, b'żewġ għajnejn suwed imqabbżin 'il barra, mustaċċi daqsiex, u jkellem lili u lil ħuti. Kien igħidilna nsellu għal-mamà. Kien iġibilna l-ħelu wkoll — niftakar darba, kien ġej il-Għid, ġabilna l-bajd taċ-ċikkulata mimli bil-pastarjali bajda u safra. Imma ommi kienet teħodha magħna, ma riditniex nieħdu ħelu mingħandu, u anqas bit-tislijiet ma riedet taf.

Kienet iċċanfarna, għalkemm bi kliem ħelu, kienet twissina biex ma nkellmu lil ħadd, u tqarras wiċċha meta ngħidulha li s-sinjur kien sella għaliha; imma b'xi mistoqsija minn hawn u minn hemm, b'interess moħbi, kienet tara kif tagħmel u ġġagħalna nitkellmu fuqu, ngħidulha x'ried, x'kien igħidilna...

Hekk għadda ftit taż-żmien. Meta konna noħorġu, nhar ta' Ħadd, ma domniex ma bdejna nintebħu bih miexi għal warajna.
"Ara dak is-sinjur, mamà," konna ngħidulha.

U ommi, "Xixx, biżżejjed!"

"Mamà, qed jidħakli."

"Tħaresx lura! Imxu!" U kienet tħaffef il-pass, u tkaxkarna warajha.

Imma wara ftit taqbeż oħti: "Ara, ma, qed ixejjirli..."

"Biżżejjed, għidtlek!"

"Qed isejjaħli... ħalli nara x'irid..."

Għax wara kollox, kien iġibilna l-ħelu...

"Ara ma ngħidlekx x'tagħmel! Isa, isa — ara, imxi mmorru lejn id-dar."

Mhux darba u tnejn, dorna lura u qtajna l-passiġġata ħesrem.

Darba, niftakar, in-nannu kien tah ħass ħażin ikrah, u ġabulu l-Vjatku. Is-sinjur l-aħmar kien hemm taħt it-tieqa, u baqa' hemm anki wara li l-fanali tbiegħdu u għebu u siket fix-xejn iċ-ċilinċilin tal-qanpiena. Meta jien u ħuti ħriġna nilagħbu, waqqafna u staqsiena x'kien ġara, u kif kien in-nannu. Kien hemm ieħor miegħu, u hekk kif tbegħedna smajtu jgħidlu, b'daħka: "Kif kien ma mortx ħadt fanal?..." U bqajt bl-impressjoni li smajt kelma pastaża minn fomm is-sinjur l-aħmar, kif issa konna ngħidulu.

Għadda ftit taż-żmien, u issa, meta konna mmorru d-dar b'xi biċċa ċikkulata, ma konniex naħbuha aktar. Issa l-mamà ma kienet tgħidilna xejn, issa kellna l-permess, u ma baqgħetx issikkitna meta konna ngħidulha fuqu, x'qalilna, xi staqsiena, x'tislijiet bagħat. Xi drabi, anzi, kienet iġġibilna hi l-kliem fuqu, xi drabi kont narahom jidħku lilha u lis-seftura.

Is-seftura kellha kurżità kbira dwaru, u anki z-zijiet, meta ma jkunx hemm ommi, kienu jagħmlulna ħafna mistoqsijiet, jew nofs mistoqsijiet, b'ton ta' tmaqdir, jekk mhux ukoll ta' għadab.

Għodwa waħda, mingħalija li kien nhar ta' Ħadd, ommi sejħitli kif kont nilbes u qaltli bi tbissima mħassba: "Trid ikollkom papà ġdid?"

Qalbi għamlet tikk. "Is-sinjur l-aħmar?" staqsejtha. Imqar ta' tifel li kont, kont naf ingħodd xi ftit, u dawk il-mistoqsijiet kollha kienu għamlu tagħhom.

"Iva," qaltli ommi.

Niftakar sewwa x'għidtilha jien. "Mamà, mhux aħjar nibqgħu kif aħna, waħedna?"

X'weġbitni ommi ma niftakarx. Naf li dak in-nhar filgħaxija ġew żewġ zijiet, u mbagħad ġie is-sinjur l-aħmar, b'borża ħelu għalina t-tfal, tbissim u żegħil, issakkru lkoll f'kamra u għamlu taħdita twila.

Beda jiġi, imbagħad, kull filgħaxija. Xi drabi konna noħorġu lkoll miegħu, speċjalment nhar ta' Ħadd. Ġew jarawna ż-żewġ uliedu. wieħed minnhom bl-għarusa.

Bdew ġejjin għandna bosta zijiet, irġiel u nisa. Konna nisimgħu tħambiq u tħaqqiq, minn kmamar aktarx magħluqa. Ommi wkoll ġie li saħnet u ġie li rajtilha għajnejha ħomor. In-nanniet ma nafx li

qatt tkellmu, għalkemm kienu joqogħdu magħna, imma kien hemm żewġ zijiet irġiel, żwieġ ħut ommi, li kellhom ħafna x'igħidu, u milli fhimna aħna ma qablux.

Kien wieħed minnhom li, xi tliet xhur wara, sejjaħ lili u lil ħija, u wriena logħba ħelwa — bċejjeċ ta' njam li kienu jagħlqu waħda fl-oħra, u bihom tagħmel ħafna forom u mudelli differenti.

"Sabiħa, hux?" qalilna.

Għoġbitna, u jien, ngħid għalija, kont qed nistaqsi lili nnifsi jekk kinetx għalina, u jekk kellux tnejn — waħda kull wieħed.

B'ħeffa li ma ngħidlekx, iz-ziju ħatt forma u għamel oħra. Minn salib għamel ballun ottagonali, imbagħad għamel ajruplan, imbagħad qabad jagħmel karrozza.

"Jeħlu ma' xulxin, zi?" staqsejtu.

"Iva... hekk, ara... jidħlu f'xulxin. Qed tara? Hekk..."

"Iva, iżommu?"

"Da' żgur. Issa, taf, minn hawn u ftit ieħor tilbsu... Il-mamà fejn hi? Qed tilbes?"

"Iva, qed tilbes."

"Issa morru ilbsu, taf. Issa mmorru l-knisja, u jkollkom papà ieħor."

"Illum?"

"Tridu papà ieħor... hux? Il-mamà hekk qaltli."

Ilbitna. Ebda wieħed minna ma wieġeb, jew għaraf iwieġeb. Dan l-aħħar konna sirna kemxejn ottimisti. Konna sirna nafuh, kienu qalulna li issa jkollna min jieħu ħsiebna. Kien għoġobna. La jgħodd għall-mamà jgħodd għalina. Imma issa, f'daqqa waħda, ilbitna, la għidna le u anqas iva, la nkeddejna u anqas fraħna.

Naf li l-għada filgħaxija fit-tard ħareġ... "Irid imur għax-xogħol," qaltilna l-mamà, mama dehret li ma ħadetx gost. U raġa' ħareġ il-għada u l-għada... u l-għada... u meta ommi wrietu li dan ix-xogħol ta' bil-lejl ma għoġobhiex, u smajtha ssemmi każin u logħob, qabad igħajjat, lil ommi bikkimha, u baqa' barra l-lejl kollu. "Biex titgħallem li jiena r-raġel,' qalilha.

Naf li qabel joħroġ kien jitlob lil ommi l-flus.

Naf li wara ftit beda jiftaħ il-kaxxun u jieħu l-flus.

Naf li kienet tiġi bintu u jagħtiha l-flus.

Naf li l-ġurnata kollha kien iqattagħha jaħdem l-arkett, jew fuq il-bejt mal-fniek u t-tiġieġ.

Naf li l-inbid beda dieħel bil-btieti.

Darba ommi rebħet il-lottu tal-Gvern, u qaltilna, "Ara ma tgħidulu xejn." Kont niktbilha jien, aktarx. Darba, ta' tifel li kont — issa kont għalaqt it-tlettax — fettilli ma nikteb xejn, u nżomm il-

flus għalija. Naħseb li għamiltha aktar minn darba, għax qabel konna naraw dawk it-tliet soldi f'idejna, imma issa le. Ix-xitan ried li ambu minnhom tela'.

Ommi ġiet tiġri ferħana għall-biljett, u jien, milbut u mifxul. għidtilha: "Iva, mamà, issa nagħtihulek..."

"Fejn hu?"

"Issa nġibu..." U bewwiġt mill-kamra.

Ommi xammitha tinten. Ġiet warajja, laħqitni fit-tarag, "Żgur ma ktibtux, dimonju!"

"Fejn kont naf li se jitilgħu," għidtilha. Kienet kważi qalbha miksura.

Sar imqit. Kulma nagħmlu aħna t-tfal kien idejqu. Naf li bdejna nitgerrxu minnu, li bdejna naħbu minnu, li ommi issa bdiet tkellimna minn taħt l-ilsien. Lili u lil ħuti mhux ħlief imaqdarna, kulma nagħmlu ħażin, moħħna ma jagħtiniex. Darba ġiet waħda għandna, u qabdu l-kliem fuq is-safar, u erħilha tgħid binha kemm ħa gost u kemm tgħallem meta kienu Ruma: u hu qalilha: "Mela bħal dawn, ma jafu xejn, qishom boloħ. Bħal dawn għalfejn teħodhom..." Kieku jien ma ntbaħt b'xejn ħażin f'dan il-kliem, imma s-seftura bdiet tgerger, u qalet li mhux sewwa.

Għall-ewwel darba, f'San Ġakbu, fejn jien u ħija konna mmorru nitgħallmu d-duttrina, ressquni għall-gara katekistika. Is-suġġett kien il-Kredu. Bdiet riesqa l-ġurnata u kont nagħmel 'sigħat twal nistudja. Sadattant lilu ma għidtlu xejn, u ħadd ma qallu xejn, bħalkieku konna miftiehma. Imma dak in-nhar, ma satax ma jindunax... meta jien u ħija, għas-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar, ersaqna quddiemu u quddiem ommi, bil-libsa ta' nhar ta' Ħadd, u ommi qaltlu li konna sejrin San Ġakbu.

Ried jaf kif kien li konna sejrin San Ġakbu fost il-ġimgħa, għala konna ser nitilfu l-iskola, u jien għidtlu li ma stajtx ma mmurx, għax kelli l-gara. "Din x'gara hi?" qalli. "Xi tkun dil-gara?"

"Min jiġi l-ewwel ikun prinċep," fissirtlu.

"Tarax," dar fuq ommi, "ibnek se jsirlek prinċep."[1]

Tlaqna, imma ommi ma ġietx magħna. Anqas biss azzardat tipproponi li tiġi, għax hu kien igħidilha li lil uliedha ma kellhiex turihom li tħobbhom

Min jaf liema torturi ġarrbet ommi tul dak in-nofs ta' nhar! Bil-għajnuna t'Alla ġejt l-ewwel, u libbsuni l-faxxa ħamra ta' prinċep. L-aħbar waslet id-dar qabli, għax ommi u s-seftura, għassa qalbhom ittaqtaq fil-gallarija, raw tfal li ħarġu qabli jħarsu lejn darna, u jgħidu. "Dan sewwa, għax sar prinċep!"

Morna d-dar imgħobbijin sewwa, għax kont irbaħt żewġ diplomi,

midalja, statwa ta' San Ġużepp u ktieb, u ħija, ferħan u sodisfatt li ma ngħidlekx, tani daqqa t'id biex inġorrhom id-dar. Nofs triq iltqajna mas-seftura, ġejja tiġri biex tiltaqa' magħna.

Xħin wasalna sibt lil ommi tistenna fil-bieb. "Veru, sinjura!" qaltilha s-seftura.

Haditni dritt quddiemu. "Ejja wrihomlu," qaltli. U jien mort bilkuraġġ kollu għax issa kelli t-tweġiba.

Wasalna quddiemu, u fuq il-mejda ta' l-ikel jien u ħija qegħedna l-istatwa, il-ktieb, il-midalja, id-diplomi.

"Dawn irbaħthom kollha?" staqsietni ommi.

"Iva," wieġeb ħija, "u libbsuh faxxa ħamra."

Dar fuq ħija. "U int x'irbaħt?" staqsieh.

Hija ma għarafx x'jibqa jwieġeb. Hu ma kien għamel ebda eżami, kien għadu żgħir għall-gara.

"Ma ħadt xejn! Kemm int ħmar...... ġejt b'idek f'idek...... Kemm għadek lura...... Meta se tiftaħ moħħok?... Tara," qalilha lil ommi, "x'tifel għandek?"

## AHFRULNA

Dan il-għad, l-ewwel wieħed tas-sena 1977, ħareġ tard ħafna. Nitolbu lill-qarrejja jaħfrulna dan id-dewmien, li kien inevitabbli minħabba fir-riżenja ta' l-Editur, u l-ħtieġa li jinħatar editur ġdid.

Madankollu, dan id-dewmien nittamaw li jissewwa, billi issa feħsiebna noħorġu f'daqqa l-ewwel żewġ numri li jmiss, dawk ta' Ġunju u Settembru 1977.

Dawn iż-żewġ numri sejrin ikunu ta' interess filoloġiku kbir, billi ser ikun fihom iż-żewġ studji lingwistiċi li l-Professur Ġużè Aquilina u Erin Serracino Inglott qraw fti ilu fl-Aula Magna ta' l-Upper Secondary School.

Il-ħarġa ta' Diċembru se tkun dedikata lil Ġużè Muscat Azzopardi bil-kitbiet li l-Prof. Mgr. Dun Karm Sant, Ġużè Cardona u Dun Ġwakkin Schembri, kienu qraw meta tfakkar Ġużè Muscat Azzopardi fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann.